Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL

L-GĦAXAR KUNSILL

SEDUTA NRU. 26 – It-Tnejn 27 ta' Lulju 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2026 fis-2:30 ta' wara nofsinhar

Preżenti :

Kevin Cauchi	Sindku
Joseph Debono	Viċi Sindku
Larry Buttiġieġ	Kunsillier
Stephen Mercieca	Kunsillier
Teddy Saliba	Kunsillier
Lucienne Haber	Segretarju Eżekuttiv

25.1 Talba

26.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex issir korrezzjoni tal-minuti tal-laqgħa ta' qabel peress li huwa kien qal li ġie avviċinat minn persuna rigward l-organizazzjoni tat-tiġrija f'Għajnsielem fejn huwa mbagħad talbu sabiex huwa jibgħat din il-proposta b'email formali lill- Kunsill. Wara mbagħad bħala Kunsill iltqajna nformalment mas-Sur Johan Haber fejn ġiet diskussa l-loġistika tat-tiġrija u options varji ta' fejn tista tinżamm.

26.2.2 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

26.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

26.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

26.4 Kommunikazzjoni mas-Sindku

26.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera b'sodisfazzjon għal fatt li l-Kunsill Lokali Għajnsielem ġie mogħti Ġieħ l-OASI 2026 mill-Fondazzjoni Oasi lill-Kunsill għall- ħidma tiegħu kontru l-użu tal-laughing gas u l- nitrous oxide awareness li qajjimna.

26.4.2 Is-Sindku rrefera wkoll għall-Inċident ta' vandalizmu ntenzjonat li sar fuq il-lapida tal-monument Bern Hersey. Huwa spjega kif għamilna rapport mal-Pulizija (Report no: 3785) u għaddejnilhom il-filmat. Ill-community police ġabar xi filmati oħrajn minn CCTVs oħra tal-madwar. Mill-filmati jidher li Tlieta 14 ta' Lulju fil 11:10pm waqaf truck Toyota pickup bil-kulur aħmar u iswed quddiem il-monument u minnu ħarġet persuna bil-mazza u bdiet kisser il-lapida. Pulizija inkarigawna nagħmlu stima bil-perit liema stima tammonta għall-€944. Issa għamilna s-sehem tagħna u inħallu f'idejn il-pulizija jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom.

26.4.3 Is-Sindku Kevin Cauchi rċieva suġġeriment sabiex inkellmu lil Ministeru sabiex il-bajja taż-Żewwieqa ssir swimming zone għax jibqgħu jidħlu l-jet skis fuq l-għawwiema. Sar qbil li għandna nressqu t-talba lit-Transport Malta/Ministeru ghal Għawdex.

26.4.4 Is-Sindku għamel referenza għall-Bus stop li ġiet shifted fi triq Imgarr jidher li ma kienx hemm issues fuqha u ndrat.

26.4.5 Is-Sindku għamel referenza għad-diversi lmenti li qed ikollna dwar il-ħmieġ li qed ikun hemm fi Triq l-Imgarr minħabba nuqqas ta' knis. L-ilment qed jitressaq kull darba lill-Ministeru għal Għawdex u jirriżulta b'nuqqas ta' ħaddiema f'din l-area partikolari.

26.4.6 Is-Sindku Kevin Cauchi faħħar lill-Għajnsielem FC u l-Għaqda Armar għall-kobor ta' inizjattiva li ssarrfet f' attivita' ta dak il-kobor. Is-set-up u l-atmosfera mill-isbaħ u organizzata tajjeb ħafna. Il-Viċi Sindku Joe Debono li huwa wkoll il-President ta' Għajnsielem Football Club irringrazzja lill-kunsill tal-apprezzament u koperazzjoni u qal li kienu jevalwaw l-andament u jittrattaw kull ilment u bdew jimpruvjaw maż-żmien. Huwa stqarr li din l-attivita' hija maħsuba li tibqa tiġi organizzata f'World Cup u Euro Cups li jmiss. Il-kunsillier Larry Buttigieg issuġġerixxa li għandna nibgħatulhom ittra ta ringrazzjament u tifħir għax dak il-post fih potenzjal u ħarġet attivita' mill-isbaħ.

26.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għall-email mibgħutha mir-residenti ta' Triq Dun Karm Cassar li oġġezzjonaw għaż-żwiemel fit-triq tagħhom.

26.5 Kommunikazzjoni mill-kunsilliera

26.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għall-organizazzjoni tat - tiġrija . L-Għaqda Piroteknika 10 ta' Diċembru irċevew l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom flimkien mal-kuntratt u bgħatu l-poster għall-approvazzjoni. Bħala traffic management ser jagħlqu minn tal-Ħniena u mir-roundabout tal-Qala 'l hawn sabiex ikun hemm fejn iwaqqfu l-karrijiet biż-żwiemel. Sar qbil li għandna nitolbu laqgħa mal-organizzaturi biex nassiguraw li jkun hemm organizazzjoni perfetta tat-traffiku.

26.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg għamel referenza għal xi lampi maħruqa fi Triq il-Qala u staqsa jekk jaqgħux taħt ir-Reġjun. It-tweġiba kienet li jaqgħu taħt il-Ministeru għal Għawdex imma xorta nirrapurtawhom aħna bħala Kunsill.

26.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca insista dwar il-qtugħ tal-ħaxix fit-Triq taċ-Ċimiterju. Is-Sindku wieġbu li t-triq tinsab lesta u għanda ħaddiem li qed jaqta' fi Triq tal-Briegħen u Ras il-Ħobż.

26.5.4 Il-Viċi Sindku Joseph Debono talab sabiex niċċekjaw il-cctv fit-triq taċ-ċimiterju ħdejn l- New Water - peress li serqulhom l-O ring. Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex niżbgħu No Parking marking quddiem din is-sistema.

26.5.5 Il-Kunsillier Teddy Saliba propona sabiex it-tombola li jmiss norganizzawha fil-pjazza minflok fil-Pjazza 10 ta' Diċembru. Is-Sindku wieġbu l-problema hija l-fil-pjazza aktar iddum

ma tinżel ix-xemx. Ġie deċiż li naraw kif ser tkun it-temperatura tal-ġurnata u niddeċiedu dakinhar.

26.6 Korrispondenza

26.6.1 Għal din il-laqgħa attenda Fr Joe Cardona fejn formalment gie jistieden lill-Kunsill Lokali għaċ-ċelebrazzjoni tal-25 anniversarju tas-saċerdozju tiegħu li ser issir nhar il-Hadd 16 t'Awwissu permezz ta' quddiesa fl- 10:00am. Peress li wara ser isir riċeviment fuq iz-zuntier sar qbil li għandna nagħlqu t-triq ħdejn il-White Knight Hotel għat-traffiku minħabba periklu.

26.7 Iljieli Sajfin

26.7.1 Is-Sindku għamel referenza għall-attivitajiet li ġew imtella' s'issa bħala suċċess ieħor. Cocomelon night irnexxiet ħafna u grazzi wkoll lil Lelio Spiteri tal-animazzjoni mpekkabli tiegħu matul din is-serata u lil Ghajnsielem Redcoats li għinuna waqt is-serata. Għal sena oħra kien hemm attendenza numeruża u atmosfera mill-isbaħ.

26.7.2 L-ewwel Tombola rnexxiet ħafna wkoll u rringrazzja lil kunsillier Teddy Saliba tax-xogħol kbir li wettaq biex ġiet organizzata tant tajjeb. L-ikel kien tajjeb ħafna u kulħadd ħareġ sodisfatt. Bħala qliegħ kien fadal madwar €1000 li ser jingħataw lill-Arcipriet għall-ispejjes tal-Festa.

26.7.3 Nhar is-Sibt li ġej imiss l-80s night. Is-Sindku għamel referenza li bgħatulna ħabba l-Food Safety b'lista ta' prekawżjonijiet u għalhekk jinħtieġ li nikru xi sinks. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri żewġ portable sinks u jibqgħu jintużaw għall-attivitajiet.

26.7.4 Is-Sindku Kevin Cauchi nforma lil Kunsill li l-preżentatur Ron ma jistax jiġi jippreżenta l- Echoes by the Sea. Sar qbil li minfloku għadna nibbukjaw lil Fabrizio Faniello.

26.7.5 Is-Sindku għamel referenza għall-attendenza tiegħu flimkien mal-kunsillier Stephen Mercieca għalTolfarte. akkumpanjahom ser ikun hemm ukoll l-artist minn Għajnsielem Mark Xuereb li ser jippreżentalhom ważun ta' tifkira vera sabih magħmul minnu mill-fuħħar.

26.7.6 Sar qbil li għal Għajnsielemfest għandna nitolbu stimi għall PA System u mmexxu mal-orħos waħda.

26.7.7 Il-Kunsillier Stephen Mercieca ta update dwar Għajnsielemfest 2026. S'issa bbukjajna lil Kevin Paul bħala mistieden specjali u lid-Dulli u Veronica bħala preżentaturi. Is-Sindku propona li din is-sena l-attivita' ta' Għajnsielemfest issir b'risq Dar Bjorn. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti.

26.7.8 Il-Vici Sindku Joe Debono propona sabiex il- Kunsill Lokali Għajnsielem jippreżenta tazza waqt it-Tigrijiet taż-Żwiemel. Din il-materja se tigi diskussa mal-organizzaturi.

26.8 Festa 2026

26.8.1 Għat-tindif tal-festa nġabru tlett stimi bl'orħos waħda dik ta' John Grima. Għal prezz ta' €7000 inkluż il-VAT u t-tipping fee. Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-orħos stima u jara li l-kenniesa tal-Kuntratt tal-Knis jagħmlu x-xogħol ta' knis u tindif qabel kull marċ. Minħabba dawn l-ispejjes kbar ta' tindif relatati mal-festa, sar qbil li għandna niċċargjaw l-Gabbani kollha tal-ikel fee għat-tindif tal-iskart li jħallu warajjhom għal prezz ta' €30 għal tlett ijiem, €45 sa sitt ijiem, €60 għal aktar minn sitt ijiem.

26.8.2 Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa mas-Supretendent tal-Pulzija rigward l-andament tal-festa li ser tinżamm nhar l-10 t'Awwissu. Peress li s-Sindku ser ikun imsiefer ser jirrapprezentah il-Viċi Sindku Joe Debono u l-ħaddiem Frankie Saliba.

26.9 Update Proġetti

26.9.1Proġett Pjazza Madonna ta' Loreto

26.9.1.1 Is-Sindku għamel referenza għall-fatt li t-tender għall-embelliment u x-xogħlijiet fil-Pjazza jinsab lest fil-maġġor parti tiegħu, bl-unika parti pendenti tkun l-inklużjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tad-dawl. Dan skont id-direttiva maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex u l-Kurja sabiex ix-xogħlijiet jiġu kkoordinati f'proġett wieħed u ħolistiku.

26.9.1.2 Wara li saret talba uffiċjali lill-Inginier Simon Mizzi—li kien diġà mqabbad mill-Parroċċa u li għandu l-pjanijiet kollha ppreparati—l-istima pprovduta għal dawn is-servizzi professjonali tammonta għal €7,050 minbarra l-VAT.

26.9.1.3 Peress li ż-żmien biex l-iżvilupp jimxi 'l quddiem huwa limitat ħafna u ma hemmx żmien suffiċjenti biex tinħareġ Call for Quotation u ssir l-evalwazzjoni tagħha mingħajr ma jinħolqu dewmien żejjed, huwa rakkomandat li ssir talba uffiċjali lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tinħareġ Direct Order. Dan jippermetti lill-Kunsill jiffinalizza d-dokumentazzjoni kollha tat-tendering u jipproċedi b'effett immedjat.

26.9.2 Nhar il-Ġimgħa fil-5:30pm ser jiltaqa' hu flimkien mal-arċipriet biex niddiskuti kollox. Siegħa wara jiġu l-għaqdiet biex jaraw ħabba l-pożizzjoni tat-tiżjin tal-festa. Il-kunsilliera huma lkoll mistiedna jattendu għal dawn il-laqgħat. Ser isir ukoll Maintenance agreement għall-ħames snin. Sar qbil li wara li jingħaqad it-tender ikun jista jiġi ppublikat.

26.9.3 Is-Sindku għamel referenza għall-proġett ta' Lourdes. Il-proġett kien ser jinbeda f'Settembru iżda f Ottubru u Novembru ser ikun hemm xi tiġijiet. Għaldaqstant ser inkunu nistgħu nibdew bil-proġett wara.

26.9.4 Rigward il-proġett tat-Taraġ ta' Fuq il-Għajn qed inkomplu bix-xogħol.

26.9.5 Il-proġett tal-ġiebja tal-Pjazza Tad-Dehra, il-kuntrattur wegħdna li ser ikun msaqqfa sal-festa u jitkompla x-xogħol ta' tisbiħ wara. .

26.9.6 Il-kunsillier Larry Buttigieg issuġġerixxa li ngħaddu pipe iswed li jisbukka minn ġol-ġiebja tal-Playing Field u jintuża għat-tisqija ta' Bethlehem.

26.9.7 Il-kunsiller Teddy Saliba ssuġġerixxa li l-overflow tal- Pjazza jiġi taħt il-każin.

26.9.8 Il-Viċi Sindku Joseph Debono staqsa dwar il-proġett tal-arkata f'hiex wasal. Is-Sindku wieġbu li naddafna il-wied mill-qasab u ġo tlett ġimgħat reġgħa kiber kollox kif kien. Huwa nfurmah li ser jerġa jitnaddaf fil-jiem li ġejjin biex ikun jista jitkompla x-xogħol.

26.10 Approvazzjoni tal-Pagamenti

26.10.1 Preżentazzjoni kont Perit .

Is-Segrtarju Eżekuttiv preżentat l-ewwel kont sottomess mill-Perit Godwin Sultana għall-proġett tal-pjazza li jammonta għal €81,504.02 inkluż il-VAT. Sar qbil li għandna ngħadduh lil-Ministeru għal Għawdex għall-ħlas tal-pagament tiegħu bħala parti mill-fondi allokati għall-Proġett tar-Rinovazzjoni tal-Pjazza Madonna ta' Loretu.

26.10.2 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti numru 155 għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

26.11 Materji oħra

26.11.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

24.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

24.9.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Awwissu 2026 fin-2:30 ta' wara nofsinhar.

Kevin Cauchi
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Eżekuttiv